MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 862/2008

**George Attard Manche'**

**-vs-**

**Direttur Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-26 ta' Awissu 2008 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi l-esponent huwa bin Joseph Attard Manche' u twieled fit-28 ta' Diċembru 1932 (Dok. A);

Illi hawn anness hemm kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Joseph Attard Manche', missier l-esponenti (Dok. B); kopja tal-passaport ta' l-esponent (Dok. C), kopja tal-liċenzja tal-karozza (Dok. D) u kopja tal-karta ta' l-identita' (Dok. E).

Illi l-esponenti dejjem kien magħruf bħala George Attard Manche’. Illi mart l-esponent u t-tfal tiegħu għandhom ukoll l-kunjom Attard Manche.

Illi fiċ-ċertifikat ta’ twelid ta’ George Attard Manche’ ġie mniżżel kunjomu bħala Attard biss.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tordna li l-konvenut iniżżel annotazzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-attur, fis-sens illi wara l-kunjom *Attard*, jiżdiedu l-kliem *magħruf ukoll bħala Attard Manche’*, u jikkoreġi jew ibiddel ċ-ċertifikat ta’ twelid fis-sens li wara l-kunjom Attard jiżdied il-kunjom Manche’ kull fejn neċessarju.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta’ l-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Publiku, ippreżentata fl-1 ta’ Diċembru 2008, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva *prima facie* t-talba dedotta fir-rikors ġuramentat mhix ġustifikata *stante* li jirriżulta mill-Att tat-Twelid tiegħu li jġib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 444 tas-sena 1933 li d-dikjarant kien missieru Giuseppe Attard li ddikjara ruħu bħala Giuseppe Attard u anke ffirma bħala *G. Attard* u għalhekk ma għandux dritt li jikkoreġi l-Att tat-Twelid tiegħu *stante* li dan huwa dokument li jirreġistra fatt storiku u jirreġistra l-fatti kif kienu fid-data tat-twelid tar-rikorrent. Diment li dak il-fatt storiku ġie reġistrat korrettement kif jidher li ġie f’dan il-każ, ma hemm ebda fondament ġuridiku għall-kawża ta’ korrezzjoni ta’ l-Att tat-Twelid tiegħu. Pero’ jekk jiġi ppruvat a sodisfazzjon ta’ din l-Onorabbli Qorti li missier ir-rikorrent Giuseppe Attard kien fi żmien relattiv juża l-kunjom *Attard Manche’*, l-esponent ma joġġezzjonax għat-talba.

2. Illi l-esponent jirrileva li hu kompetenti biss fil-materja ta’ Atti ta’ l-Istat Ċivili.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid in kwistjoni mhux attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti *stante* li d-dikjarant hu responsabbli li jivverifika li l-informazzjoni li stipula u ffirma għaliha hija korretta.

4. Illi għandha ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Tant għandu l-esponent x'jeċċepixxi dwar it-talbiet avvanzati fir-rikors ġuramentat promotur a savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tas-16 ta' Marzu 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* ta' l-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' l-atti ta' l-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* ta' l-artiklu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata biss fis-sens li peress li l-attur tista' tgħid minn dejjem kien magħruf bil-kunjom *Attard Manche'* hemm lok li maċ-ċertifikat tat-twelid jiżdiedu l-kliem *magħruf ukoll bħala Attard Manche'* fejn jiġi ndikat kunjomu (kif jidher ampjament mid-dokumenti esebiti). Dan kien ukoll il-kunjom li missieru kien magħruf bih. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball (jekk wieħed jista' jsejjaħlu hekk) u ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi billi fejn huwa ndikat kunjomu jiżdiedu l-kliem *magħruf ukoll bħala Attard Manche'*; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------